MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Numru. 205/2003

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
vs
Joseph Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Zammit, detentur tal-karta tal-identita Nru 127046(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-2 ta' April 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-socjeta' Wings Cargo Limited (Company No C 11878) approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' LM16,749.00 migbura mis-socjeta' tieghu bhala dhul ta' Airway Bill Sales dovuta lil Libyan Arab Airlines li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir

uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, dan bi ksur ta' l-Artikolu 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2003 waqt li kienu qeghdin isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti issibu <u>hati</u> ta' dawn l-istess imputazzjonijiet, wara illi rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel u b'hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni f'dan il-kaz, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu u l-fatt illi ghandu fedina penali netta hlief ghal xi kontravenzjonijiet tat-traffiku, kif ukoll il-fatt illi l-parte civile xehed f'dawn il-proceduri fis-sens illi irtira l-kwerela tieghu u dana peress illi l-imputat kien hallas ammont kbir mis-somma dovuta minnu lill-parte civile u ta garanziji idoneji tal-pagamenti li fadallu jaghmel. Effettivament l-imputat qieghed jaghmel ukoll pagamenti fil-gimgha. Ghaldaqstant il-Qorti tara li ma jkunx ta' beneficcju la ghall-imputat u lanqas ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata piena karcerarja u tara ferm aktar illi jkun ta' beneficcju kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li

l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spejgat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------